MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 371/2013

Il-Pulizija

Spettur Daniel Zammit

Vs

Francis Frendo

James Abela

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti, Francis Frendo, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 462282M u James Abela, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 260992M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Hal Tarxien, nhar il-25 ta\` Lulju, 2009, ghal habta tal-hdax u nofs ta\` filghaxija (23:30hrs), bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe\` serq minn gewwa **Auto Silencers** sitwat fi Triq il-Gudja, Hal Tarxien, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u li saret ghad-deteriment ta` George Agius;

U fl-ahharnett gew akkuzati talli rrendew ruhhom ricediv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Lulju, 2013 fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 4 (1) (a), 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 289, 325, 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; sabet illi l-ewwel u t-tieni akkuzi jirrizultaw sodisfacentement kif tirrizulta wkoll l-akkuza ta` ricediva, u dan mill-kopji numerizi ta` sentenzi ta` kundanna li gew esebiti. Ikkundannathom prigunerija ghal perjodu ta` tmintax (18) –il xahar. Kif ukoll spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Frendo minnhu pprezentat fit-8 ta' Awwissu, 2013 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevoka l-hijta ta' l-akkuzi u tilliberah minnhom, fin-nuqqas tghati sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat ir-rikors tal-appellant James sive Jimmy Vella minnhu pprezentat fid-9 ta' Awwissu, 2013 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tikkancella s-sentenza appellata li biha huwa gie misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma l-istess billi tirriduci u tvarja l-piena fuqu nflitta filwaqt li tikkonferma l-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Francis Frendo, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ma kien hemm l-ebda identifikazzjoni posittiva ta' l-appellant li kien kien vicin Auto Silencers fi Triq il-Gudja, Hal Tarxien. Il-pulizija raw l-appellant u l-ko-akkuzat il-boghod minn Triq il-Gudja. Kontrarjament ghal dak li kien hemm miktub fis-sentenza, l-appellant ta' spjegazzjoni plawsibbli li kien qed japprezza l-loghob tan-nar flimkien ma habib tieghu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jqis li s-sentenza ta' 18 il-xahar prigunerija hija eccessiva u r-ragunijiet li tat il-Qorti ghas-sentenza ta' prigunerija ma jghoddx ghal kollox ghall-appellant. L-appellant qatt ma instab hati ta' serq u insab hati 13 il-sena ilu ta' pussess ta' cannabis ghal uzu personali u ghal hames snin ilu fruq theddid fuq il-mara tieghu, fejn illum hemm relazzjoni ahjar bejniethom. B'hekk il-klijent tieghi ma inghatax diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Ghar-rigward tax-xhieda Victoria Scicluna, ma kienetx qeghda taghmel referenza ghall-appellant, izda ghal ko-akkuzat Jimmy Abela.

Rat illi l-aggravji tal-appellant James sive Jimmy Abela, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi bl-akbar rispett l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni manifestament hazina tal-ligi meta hija skartat ghal kollox il-prezunzjoni tal-innocenza tal-esponent u l-ko-akkuzat tieghu meta hija sabet htija fil-konfront taghhom ghaliex fi kliem l-istess Qorti tal-prim' istanza: ***"Il-fedina penali taghhom tittradihom. Ghal diversi drabi huma nstabu hatja ta' serqiet simili."*** Bl-akbar umilta l-esponenti jissottometti illi kummenti bhal dawn juru b'mod car inekwivoku u konklussiv illi tabilhaqq il-gudizzju tal-Ewwel Qorti li bih l-esponent gie misjub hati u kkundannat kien gudizzju msejjes mhux fuq il-provi li kellhom jitressqu mill-prosekuzzjoni dwar il-fatt tal-kaz kif sehhew fid-data, hin u lok indikati fl-akkuza, izda kien gudizzju interament ibbazat fuq il-precedenti penali tal-esponent. Dan konsegwentement ifisser illi l-ewwel Qorti kienet qed tikkommetti pre-gudizzju (a differenza ta' pregudizzju) fis-sens illi hija kienet qed tqis lill-esponent bhala x'aktarx (jekk mhux certament) hati ta' akkuza ta' serq il-ghaliex huwa precedentement kien gia gie misjub hati ta' serq, u mhux ghaliex il-provi hekk kienu jindikaw sal-grad tal-konvinciment morali.

   Illi in konkluzjoni dwar dan l-aggravju l-esponent jissenjala illi tant kienet gja pre-gudikat lill-esponent illi l-esponent illi sussegwentement sahansitra xtarret erronjament il-provi u interpretathom skorrettament meta addirittura

qalet li l-esponent inqabad gewwa l-istabbiliment Auto Silencers in flagrante, meta dan ma rrizulta minn imkien anzi rrizulta l-oppost u cioe' li in effetti l-esponent ma' kienx fil-fond imsemmi meta l-pulizija wasslu hemm.

2. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi migjuba quddiemha b'tali mod li jirrendi s-sejbien ta' htija fil-konfront tal-esponent wiehed serjament unsafe and unsatisfactory.

   Kif gia inghad aktar il-fuq l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-esponent inqabad in flagrante fil-propjeta ta' George Agius u cioe' hanut/garage bl-isem Auto Silencers, meta ukoll kif gie inghad dan mhux tali ma rrizultax izda talli mill-provi rrizulta l-oppost. Din l-asserzjoni ta' l-ewwel Qorti ma hi xejn ghajr asserzjoni totalment u manifestament gratwita u zbaljata u li zgur li kellha effett altament negattiv fuq l-apprezzament tal-provi billi effettivament din waslet biex l-ewwel Qorti (li kienet diga predisposta kontra l-esponent ghaliex kienet qeda tiskarata l-presunzjoni tal-innocenza tieghu kif jinghad fl-ewwel aggravju), sabet htija meta tali thija ma' kienitx sorretta minn ebda prova konkreta, oggettiva, tangibbli u inekwivoka.

   Illi ghalhekk li kieku l-ewwel Qorti ma kienitxd indotta li ssib htija a bazi ta' dak hawn fuq premess f'dan il-gravam (li ghandu jitqies bhala abbraccjat sa certu punt ma' l-ewwel wiehed), zgur illi legalment ma kienux jikkonkorru l-elementi probatorji li jwasslu ghas-sejbien ta' htija tal-esponent.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija tal-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 (Lm1000) u dan ghaliex tali valur lanqas qatt ma giet remotament ippruvat.

   F'dan il-kuntenst jispjega illi filwqat illi l-kwalifika tal-valur in eccess tal-ammont ta' €232.93 (Lm100) jista' fic-cirkostanzi jigi ragonevolment prezunt, il-ghaliex fil-garage Auto Silencers x'aktarx li kien hemm oggetti in eccess ta' dak il-valur, li wiehed jibqa' jgebbed tali prezunzjoni tal-kawlifika tal-valur fl-ammont in eccess ta' €2329.37 huwa irragonevoli u mhux gustifikat dejjem ghaliex, f'dan il-kaz tali konkluzjoni ma' tkun sorretta b'ebda prova. Konsegwentement (u dejjem assolutament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti) il-piena ghandha tigi ridimensjonata billi tigi nflitta piena ghall-serq ikkwalifikat bil-valur in eccess tal-ammont ta' €232.93 izda mhux l-ammont ta' €2329.37.

4. Finalment il-piena inflitta fuq l-esponent kienet wahda serjament gravuza meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz izda mhux biss l-aggravji kollha vventilati hawn aktar il-fuq u ghalhekk ghal dawk l-istess ragunijiet kif ukoll ghal dawk ir-ragunijiet li ser jigu sollevati fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell il-piena ghandha tigi varjata billi jkun hemm temperament fl-istess.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11.30 p.m.) il-pulizija irceviet rapport minghand xi persuni illi kien hemm tnejn minn nies qieghdin jippruvaw jisirqu hanut bl-isem Auto Silencers, il-Gudja. PC 53 Stephan Spiteri u PC 649 Darren Decelis kienu fuq patrol in-naha tal-Gudja u marru immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk raw kantun maqlugh 'il barra u tnejn minn nies jaqsmu t-triq in-naha l-ohra faccata tal-hanut. Il-pulizija daru mal-blokk ta' fejn qasmu u lahquhom ezatt sejrin ghall-karozza, waqqfuhom u wiehed minnhom kien b'zaqqu barra bit-trab fuqu u meta staqsewhom x'kienu qieghdin jaghmlu f'dawk l-inhawi dawn iz-zewg persuni li sussegwentement gew identifikati mill-istess pulizija bhala l-appellanti qalu illi kienu qieghdin jaraw in-nar tal-festa. PC Decelis qal "Issa minn hemmhekk in-nar tal-festa ma tantx deher bhala jkun hemm fil-qofol li tara n-nar." Il-pulizija ghamlu tfittxija fil-karozza u hemmhekk gew elevati turnavit, zewg pjanci u fuq il-post magenb ic-cangun maqlugh kien hemm hadida mal-art illi giet ukoll elevata. Darren Decelis qal illi mill-control room gew moghtija l-informazzjoni kollha però min ghamel ir-rapport ma riedx jitla' jixhed ghal ragunijiet personali tieghu.

Sussegwentement l-appellanti tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghal akkuza ta' attentat ta' serq, hsara volontarja u li kienu recedivi u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Lulju 2013 il-Qorti sabithom hatja u ikkundannathom ghal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija. L-appellanti hassuhom aggravati minn din is-sentenza u interponew appell. Francis Frendo ilmenta illi ma kien hemm l-ebda identifikazzjoni pozittiva tieghu vicin Auto Silencers fi Triq il-Gudja, Hal Tarxien. Fil-fatt il-pulizija rawh lilu u lil ko-akkuzat l-iehor 'il boghod minn Triq il-Gudja u li taw spjegazzjoni plawsibbli illi kienu qieghdin hemmhekk biex jaraw il-loghob tan-nar. L-istess argumenta l-appellant Jimmy Abela fejn qal illi kuntrarjament ghal dak jinghad is-sentenza ma kienx minnu illi nqabad "red handed". Kien hemm il-festa tar-rahal u kienu marru hemmhekk biex jaraw in-nar minn dak il-lok. Veru illi fil-karozza tieghu kien hemm diversi ghodda però b'daqshekk ma jfissirx illi din l-ghodda intuzat biex jigi attentat is-serq imsemmi. Argumentaw illi jekk fl-ghar ipotesi kien jirrizulta dan l-

attentat, allura hawnhekk ghandna kaz ta' "voluntary desistance" u mhux attentat peress illi l-appellanti warrbu minn fuq il-post minn rajhom qabel ma gew il-pulizija.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan l-argument. Irrizulta car illi l-pulizija gew infurmati illi kienet qieghda ssir din is-serqa minn nies ohra illi kienu fuq il-post u PC 53 Stephan Spiteri u PC 649 Darren Decelis kienu mal-ewwel fuq il-lok u hemmhekk raw liz-zewg imputati jaqsmu t-triq biex jippruvaw iduru mal-blokk. Ma kien hemm hadd ghajr huma. Terga' u tghid l-iskuza taghhom illi kienu hemmhekk biex jaraw in-nar ma kinitx treggi peress illi minn dak il-post in-nar tal-lokal ma kienx jidher sew. Dan abbinat mat-trab illi nsab fuq l-appellanti, l-ghodda li kellhom fil-karozza illi kienu idonji sabiex iwettqu l-attentat illi gie addebitat lilhom iwasslu wkoll lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni illi l-appellanti kienu qieghdin jippruvaw jisirqu dan il-lok, Auto Silencers, u gew disturbati minn terzi illi inzertaw raw x'kienu qed jaghmlu u bl-intervent tal-pulizija gew intercettati, investigati u mressqa l-Qorti. A fol 29 l-Ispettur Daniel Zammit jghid illi fuq il-lieva u turnavit kien hemm marki tat-trab tal-gebel u dana fl-isfond ta' dak illi qal l-appellant Francis Frendo, li ma jahdimx, u dak illi qal l-appellant Jimmy Abela, li dik il-lieva kienet tintuza biex jinqalghu t-tyres – spjegazzjonijiet ghal kollox inverosimili u li ma jinkwadrawx fid-dinamika ta' dak illi sabu u investigaw il-pulizija.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-piena tigi disturbata jekk tkun fil-parametri tal-ligi. Mhuwiex mess in diskussjoni illi l-piena erogata hija wahda legali u fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------